MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 1/2007

**Wara d-decizjoni tal-Bord ta' Kummissarji Specjali moghtija fil-5 ta' Marzu 2007 u notifikat lill-Appellant fid-9 ta' Marzu 2007 fil-Kaz 36/2004 quddiem l-istess Bord fl-ismijiet:-**

**Welcome Properties Limited.**

**vs.**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Welcome Properties Limited datat 9 ta' April 2007 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

1.1 Illi fit-30 ta Lulju, 2005, is-socjeta` Appellanti appellat quddiem l-Onorabbli Bord ta' Kummissarji Specjali (il-"Bord") wara li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni (hawn

imsejjah il-"KTI") hareg zewg stimi ta' taxxa kontriha ghall-ammont globali ta' Lm16,250.

1.2 Illi fl-4 ta' Jannar, 2006 l-Onorabbli Bord iddecieda l-kaz billi qal li:

*"Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord qed jiddeciedi:*

*(a) li l-Appellant kien responsabbli ghal nuqqas ta adempiment ta' dak li titlob minnu l-ligi fil-kuntest ta' sottomissjoni puntwali ta' informazzjoni mitluba; u*

*(b) li l-appellat, fin-nuqqas f'idejh ta' informazzjoni mibghuta mill-appellant biex tkun tista' tigi konfrontata ma' nformazzjoni ohra ndipendenti disponibbli ghall-uzu tieghu, ghamel dak li kien fid-dritt tieghu u cioe li jirrikorri ghal komputazzjoni ex ufficio;*

*U ghaldaqstant in ezercizzju tal-provedimenti fl-artiklu 35 (4) tal-ITMA, il-Bord jordna li s-somma ta' Lm15,000 ghandha tithallas mill-appellant Kummissarju tat-taxxi Interni bhala likwidazzjoni tat-taxxa totali dovuta ghas-snin ta' stima kkontemplati f'dan l-Appell. Spejjez totalment a karigu tal-Appellant".*

1.3 Pero`, wara Appell iehor li sar mis-socjeta` Appellanti, din l-Onorabbli Qorti hassret l-imsemmija decizjoni tal-Bord permezz tas-sentenza taghha tat-18 ta' Ottubru, 2006 billi qalet, *inter alia*, li *"minn imkien mil-ligi ma johrog illi l-mankanza tal-ghoti ta' informazzjoni da parti tat-taxpayer fl-istadju ta' l-oggezzjoni kellu jissarraf fit-telfien tal-kunsiderazzjoni ta' dik l-istess oggezzjoni, f'sens sostanzjali, li tingieb bi gravam quddiem il-Bord. Kieku dan kien hekk...kien ikun ghal kollox futili li l-ligi takkorda d-dritt tal-appell kontra l-istimi jew li l-appellanti quddiem il-Bord ghandu l-oneru li jipprova li l-istimi huma eccessivi."* Din l-Onorabbli Qorti kkonkludiet li l-Onorabbli Bord iffoka fuq il-fatt li s-socjeta` appellanti allegatament ma pprovdietx l-informazzjoni rikjesta mill-KTI u ghalhekk ikkonkluda erronjament li s-socjeta` appellanti tilfet id-dritt taghha ta' appell u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ddecidiet li *"il-Bord...illimita ruhu biex jichad l-appell fuq*

*bazi purament formali li mas-sustanza vera tal-ilment ma kellha ebda affnita".* (Pag. 8 *"Il-Bord jidher li injora dan kollu u ssofforma ruhu fuq l-aspett tan-non-kowoperazzjoni da parti tas-socjeta` appellanti. Huwa donnu rraguna illi ghax il-kumpanija baqghet passiva fil-mument li kien jimponi fuqha d-dmir li tforni l-informazzjoni mitluba b'hekk giet li tilfet irremedjabilment kull dritt li tikkontesta l-istimi ex officio" Huwa rilevanti wkoll li s-socjeta` appellanti pruvat taghli raguni ghalfejn ma kkowoperatx kif ukoll li finalment l-informazzjoni li giet mitluba mill-KTI in ogni caso kienet accessibbli pubblikament u fil-fatt din l-Onorabbli Qorti rrikonoxxiet li "l-Kummissarju Appellat irnexxielu jottjeni l-informazzjoni pertinenti minn sorsi ohra."* (pag. 9).

2. Illi l-fatti li taw lok ghal dan l-appell huma s-segwenti:

(a) Il-kaz jirrigwarda stimi fuq is-snin bazi 1986 u 1987 li hargu fuq bazi ta' *'Best of Judgement'* tal-Kummissarju Appellat;

(b) l-istimi allegatament nhargu ghaliex il-Kummissarju Appellat ikkunsidra li l-qliegh li ghamlet is-socjeta` Appellanti mit-trasferiment ta' xi bicciet proprjeta` immobbli kienu ta' natura ta' *trading* u mhux ta' natura ta' kapital, u dan, wiehed irid izid, qabel ma giet introdotta t-taxxa fuq il-qliegh kapitali, kif ukoll ghaliex il-Kummissarju appellat sostna li s-socjeta` Appellanti ma kkowoperax mieghu u li ma wegibx ghal diversi ittri fejn talab informazzjoni;

(c) Is-socjeta` appellanti ssostni mhuwiex minnu li l-qliegh illi ghamlet kien ta' natura ta' *trading* u li fir-rejalta` kien ta' natura kapitali u ghalhekk mhux taxxabbli qabel l-1992;

(d) Wara s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, kien hemm seduta wahda biss fil-31 ta' Jannar. 2007 (ghaliex is-seduta precedenti li saret, saret qabel ma inghatat is-sentenza minn din l-Onorabbli Qorti), izda ghaliha l-avukat ta' fiducja tas-socjeta` Appellanti ma setax jattendi fl-ahhar mument ghaliex kien indispost;

(e) *Ciononostante*, is-seduta xorta saret u addirittura, apparentement, gew diskussi l-implikazzjonijiet tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat-18 ta' Ottubru, 2006. Avolja attenda rapprezentant tas-socjeta` appellanti dan kien sprovist minn avukat u ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jippartecipa fid-dibattitu li kien hemm u li seta' influenza b'xi mod jew iehor lill-Bord;

(f) Wara din s-seduta, il-Bord rega' ordna sija lis-socjeta` Appellanti u sija lill-KTI li simultanjament jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom fuq il-kaz u b'mod specjali fuq l-implikazzjonijiet tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, izda ukoll fuq is-sottomissjonijiet li kienu diga` saru mill-partijiet u b'dan il-mod il-Bord donnu accetta li, fil-fatt, hemm htiega kbira li l-partijiet ikollhom l-opportunita` li jiskambjaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom (halli jekk ikun hemm affarijiet li hemm bzonn li jigu ccarati jew ribattuti, dan jista' jsir trankwillament) izda, b'dan il-mod ukoll rega' cahhad lis-socjeta` appellanti mid-dritt taghha li tirribatti l-argumenti u sottomissjonijiet mressqa mill-KTI fl-ahhar Nota ta' Sottomissjonijiet li pprezenta.

3. Illi fl-5 ta' Marzu 2007, l-Onorabbli Bord iddecieda l-kaz billi qal li:

*"Fuq il-bazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Bord jaghti din l-ordni:*

*Irid isir kalkolu mill-gdid tat-taxxa pagabbli mis-socjeta` appellanti liema kalkolu jrid ikun a bazi:*

- *ta' taxpayer involut fi trading operations;*

- *ta' qliegh taxxabbli mhux ta' Lm20,000 u Lm30,000, izda ta' Lm14,928 u Lm26,730;*

- *ta' kwalsiasi informazzjoni ohra ghad-disposizzjoni tal-KTI u li setghet ma tressqitx fl-istadji kollha tal-konsiderazzjoni ta' dan l-appell;*

*Barra minn hekk il-Bord ihoss li ghandu jirrikomanda lil KTI li f'kazi simili s-sottomissjonijiet tieghu jkunu ssapportjati minn dokument li, kif jinghad hawn fuq, juri car il-kalkolu u cifri tieghu, u l-provenjenza ta' tali cifri, li jkunu waslu ghall-eventwali likwidazzjonijiet tieghu."*

4. Illi l-Appellant ihoss ruhu aggravat b'dik id-decizjoni tal-imsemmi Bord, u, peress illi hemm involuti punti ta' ligi, qieghed umilment jinterponi appell minn dik id-decizjoni ghal quddiem din l-Onorabbli Qorti.

5. Illi l-aggravju tal-Appellant huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

(1) Illi preliminarjament, il-Bord donnu injora s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat-18 ta' Ottubru, 2006 - jew almenu wera certa reticenza li jaqbel maghha - bir-rizultat li f'diversi partijiet tad-decizjoni l-Onorabbli Bord jostina ruhu fl-argument dwar in-nuqqas ta' koperazzjoni tas-socjeta` appellanti, liema punt diga` gie deciz b'mod definittiv minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza fuq imsemmija;

(2) Illi hemm ukoll decizjoni hazina ta' punt ta' ligi kardinali in kwantu l-Onorabbli Bord injora ghal kollox it-talba tas-socjeta` appellanti sabiex il-Bord jaghti definizzjoni cara ta' dak li l-Bord kien qed jifhem li jikkostitwixxi *'trade'* (u allura '*income*'), u dak li jikkostitwixxi ''*capital'*

(3) Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju hemm ukoll decizjoni hazina ta' punt ta' ligi kardinali u applikazzjoni zbaljata ta' disposizzjoni tal-ligi in kwantu l-Onorabbli Bord, xorta wahda applika hazin id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 (1) (a) tal-Kap 123** fejn dawn jirrigwardaw *'trading activity'*.

(4) Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, hemm ksur tal-principju fundamentali ta' gustizzja naturali, inkluz tal-principju ta' l-*equality of arms* u ksur tad-dritt tas-socjeta` Appellanti ghall-smigh xieraq, meta il-Bord:

(a) ordna li s-seduta tal-31 ta' Jannar, 2007 issir xorta wahda minkejja li l-avukat difensur ta' fiducja tas-socjeta` appellanti kien indispost, specjalment meta wiehed iqis li din kienet l-unika opportunita` li s-socjeta` appellanti kellha biex tressaq is-sottomissjonijiet taghha bil-fomm quddiem il-Bord;

(b) rega' ordna ghat-tieni darba li l-partijiet jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom simultanjament u li dawn jigu moghtija direttament lill-Bord minghajr biss mas-socjeta` Appellanti (u fir-rejalta` lanqas il-KTI) jkollha l-opportunita` li tirribatti s-sottomisjonijiet u l-provi tal-KTI, u dan minkejja li ilium il-gurnata huwa principju rassodat fil-gurisprudenza lokali li *taxpayer* ikun zvantaggjat hafna meta ma jkollux fil-pussess tieghu l-informazzjoni kollha metiega sabiex hu ikun jista' jissodisfa l-oneru tal-prova mitfugh fuqu.

**L-ewwel Aggravju**

6. Illi dwar l-ewwel aggravju hemm diversi siltiet tad-decizjoni tal-Onorabbli Bord, li juru li l-Bord addirittura qed jiskarta t-taghlim ta' din l-Onorabbli Qorti, u fejn il-Bord donnu xorta qed jikkundanna lis-socjeta` appellanti ghall-fatt li din ma kkoperatx mal-KTI u fejn qisu qed jipprova juri li, fil-fatt, din l-Onorabbli Qorti tatu ragun fil-kundanna tas-socjeta` appellanti talli ma kkoperatx u, wiehed jassumi ukoll, fil-konsegwenzi li tali nuqqas ta' koperazzjoni kellu f'ghajnejn il-Bord.

7. Ghalhekk naqraw fid-decizjoni li:

*(a) "fl-ezami taghha tas-sekwenza tal-fatti il-Qorti tal-Appell kjarament hadet nota (fol 126 et seq) tal-fatt li s-socjeta` appellanti diversi drabi giet mitluba tforni dokumenti u informazzjoni shiha lill-KTI, kemm immedjatament wara li baghtet ir-Returns taghha ghas-snin hawn in kwistjoni...kif ukoll wara li l-KTI hargilha l-best of judgment assessments.... Din hi baqghet ma ghamlitux puntwalment (fatt li hu rikonoxxut fil-para 3.2 ta' fol.96 fejn it-tort jintefa' fuq l-impjegati tal-kumpannija (ara wkoll fols. 10 u 123), kif ukoll fis-sentenza tal-Oorti tal-Appell), u segwew mill-KTI imbaghad il-best of judgment*

*assessments hawn appellati." (ara pagna 3 para.5 tad-decizjoni tal-Bord);*

*(b) "wiehed hawn izid li certa dokumentazzjoni inghatat lil dan il-Bord matul il-kors tal-Appell, u fol. 27 infatti l-KTI kien ghadu, fid-19 ta' Novembru 2004, qed isostni li "x'ghamlet il-kumpanija mis-sena bazi 1988 sallum ma nafux ghax l-ebda formola jew set of accounts ma gew sottomessi."*

(c) U mbaghad - u iktar importanti - il-Bord addirittura jghid *li "fis-sottomissjonijiet tieghu l-appellat KTI jaghmel ll-punt salienti li l-appellanti ma giebx provi adekwati fl-istadju tal-oggezjoni sabiex jipprova li l-istimi f'ammonti ta' Lm6500 u Lm9750 ghas-sentejn taht appell huma esagerati. Hawnhekk irid jinghad mill-ewwel li l-appellant ma jistax jipprova jissana dan in-nuqqas billi mbaghad iressaq dokumentazzjoni li jidhirlu hu quddiem dan il-Bord, u bhal jistenna li l-ezami u l-kalkolu tat-taxxa dovuta jsiru mill-istess Bord. Ir-rwol tal-Bord ma hux dak ta' assessor, izda ta' gudikant, u f'kaz fejn it-taxpayer ma jkunx ipprova fil-mument opportun li l-kalkolu tat-taxxa maghmul mill-KTI huwa hazin, l-Appellat ikollu kompitu biss li jgib argumenti ghaliex l-istejjem li mbaghad ikun hareg hu, huma korretti."* (enfasi mizjuda, hlief ghall-partijiet bl-*talics*, li huma proprju l-enfasi tal-Bord)

U hawnhekk wiehed jistaqsi:

- *ghalfejn din l-kwistjoni tal-allegata non-kowoperazzjoni da parti tas-socjeta` Appellanti regghet tqajmet mill-Bord?*

- *Din ma gietx konkluza b'mod definittiv wara s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat-18 ta' Ottubru, 2006?*

- *Ghalfejn ghandha tincidi fuq d-decizjoni tal-Bord?*

8. Illi l-umli sottomissjoni tas-socjeta` Appellanti f'dan ir-rigward huwa li kemm-il darba din affettwat il-gudizzju tal-istess Bord, allura s-socjeta` appellanti giet pregudikata sew b'dan il-mod ghaliex din l-Onorabbli Qorti diga`

stabbiliet il-principju li n-nuqqas ta' kowoperazzjoni tat-*tax payer* m'ghandux jincidi fuq id-dritt tieghu li jipprova l-kaz tieghu fl-istadju tal-Appell.

**It-Tieni Aggravju**

9. Illi dwar it-tieni aggravju, qed jigi sottomess umilment li hemm ukoll decizjoni hazina ta' punt ta' ligi kardinali in kwantu l-Onorabbli Bord injora ghal kollox it-talba tas-socjeta` appellanti sabiex il-Bord jaghti definizzjoni cara ta' dak li l-Bord kien qed jifhem li jikkostitwixxi *'trade'* (u allura *'income'*), u dak li jikkostitwixxi *'capital'*, il-Bord applika hazin ukoll id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 (1)(a) tal-Kap. 123**.

10. Illi kif jidher car min-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mis-socjeta` Appellanti fit-23 ta' Frar, 2007, is-socjeta` Appellanti tablet specifikament lill-Onorabbli Bord sabiex jiddefinixxi proprju dak li qed jifhem bhala transazzjoni li hija ta' natura ta' *'trade'* u transazzjoni li hija ta' natura kapitali. Ghalhekk fil-paragrafu 3.1 is-socjeta` Appellanti qalet li *"It is respectfully submitted that, based on the Court of Appeal's decision, this Honourable Board now needs to:*

*(a) <u>define in clear terms what constitutes a trading transaction for the purposes of article 4 of the Income Tax Act ("IT A"), as against a capital transaction, and where the line between the two needs to be drawn on the basis of the said article 4 of the ITA as this existed in 1992;..."</u>*

11. Illi dan l-Onorabbli Bord baqa' m'ghamlux - issa hija ovvja ghalfejn is-socjeta` Appellanti kellha interess li l-Bord jiddefinixxi bic-car dak li hu kien qed jifhem bhala *'trade'* taht l-**artikolu 4 (1)(a) tal-Kap. 123**, u l-fatt li l-Bord baqa' ma kkommettiex ruhu fuq dan il-punt ma jistax ma jwassalx lis-socjeta` Appellanti jahseb hazin dwar dik li hija l-fehma tal-Bord dwar dan l-artikolu. L-umli sottomissjoni tas-socjeta` Appellanti f'dan ir-rigward hija li l-fatt li l-Bord injora t-talba tieghu sabiex, fid-decizjoni tieghu l-Bord jispjega u jiddefinixxi bic-car, dak li l-Bord

ihoss li huwa *'trade'*, huwa ta' pregudizzju kbir ghas-socjeta` Appellanti.

**<u>It-Tielet Aggravju</u>**

12. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, minkejja n-nuqqas da parti tal-Onorabbli Bord li jaghti definizzjoni cara ta' dak li skont l-**artikolu 4 (1) (a)** jammonta ghal *'trade'*, hija l-umli sottomissjoni tas-socjeta` Appellanti li l-Bord xorta wahda wera fid-decizjoni tieghu li interpreta u applika b'mod zbaljat l-**artikolu 4 (1) (a).** Naturalment, evalwazzjoni ta' fatti biex il-Bord jiddeciedi jekk dawn iwasslux ghall-konkluzjoni li transazzjoni hija *'trade'* jew le, hija kwistjoni purament ta' fatt, pero' meta l-fehma tal-Bord ta' x'ghandu jikkwalifika bhala *'trade'* u x'mghandux jikkwalifika hija <u>fondamentalment zbaljata</u> (bhal fil-kaz in ezami) u meta l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-**artikolu 4 (1) (a) tal-Kap.123** hija fondamentalment zbaljata (bhal fil-kaz in ezami), din allura hija kwistjoni legali.

13. Issa, l-**artikolu 4 (1)(a) tal-Kap.123** jissoggetta ghat-taxxa *"4 (1) (a) gains or profits from any trade, business, profession or vocation, for whatever period of time such trade, business, profession or vocation may have been carried on or exercised including the profit arising from the sale by any person of any property <u>acquired by him for the purpose of profit-making by sale</u>, or from the carrying on or carrying out of any profit-making undertaking or scheme;"*

14. Illi l-Onorabbli Bord, dwar l-**artikolu 4 (1) (a),** fid-decizjoni kollha tieghu, kull ma jghid huwa s-segwenti:-

*"Dan il-Bord f'diversi sentenzi moghtija, b'diversi minnhom anki kkonfermati mill-Qorti tal-Appell, fisser kif sidien jevolvu fuq medda ta' zmien (konxjament jew inkonxjament) metamorfosi ta' karattru tal-operazzjonijiet taghhom bil-proprjeta`, b'mod tali li jghaddu minn punt inizjali fejn ikunu biss possidenti (sidien) ta' proprjeta', ghal sitwazzjoni fuq medda ta' zmien fejn il-karateristici tal-handling jew operazzjonijiet li jkunu ghamlu*

*effettivanient idawwarhom fi traders. Dan p.e. ikun il-kaz fejn isegwi x-xiri originali serje ta' transazzjonijiet ta' bejgh kbira bizzejjed fin-numru u fuq medda ta' zmien (vide e.g. Qorti tal-Appell Nru 1/05 19/10/2005)."*

*"Dwar il-firxa ta' operazzjonijiet tal-kumpanija dawn, kif ga inghad, iridu jigu ikkonsidrati mill-punto di vista ta' jekk humiex fin-natura ta' one off transactions, jew jekk tezistix sensiela ta' operazzjonijiet simili u ripetuti. L-akkwist ta' tliet blokki (anki jekk fi transazzjoni wahda), bejgh ta' ghaxra flats fuq medda ta' sentejn, u sittax-il kuntratt ta' bejgh fuq medda ta' tmien snin..., rimanenza ta' flats u garaxxijiet b'intenzjoni suggerita jew implicita ta' aktar operazzjonijiet simili fil-gejjieni: dawn fit-total u l-assjem taghhom, ma jhallu ebda dubju li n-natura implicita (anki jekk mhux espresso) tal-operazzjonijiet tal-appellant zviluppat f'dik ta' kummercjant fil-proprjeta`, u mhux semplicement ta' sid ta' proprjeta` li hi esklussivament ezistenti u posseduta ghal skop ta' kiri."*

*"Il-Bord ma jikkondividix dak li jsostni l-appellant fil-paragrafu 4.5 b (d) tas-sottomissjoni tieghu tat-23 ta' Frar 2007...li f'dan it-tip ta' industrija hemm xi tipikalita` specifika li biha joperaw sviluppaturi u/jew spekulaturi fil-proprjeta` Fil-pajjiz tezisti iva (bhalissa, u issa anki minn diversi snin 'l hawn) hafna proprjeta' li tinbena u tinbiegh, izda tezisti wkoll daqstant iehor proprjeta` li tinbena u ma tinxtarax immedjatament jew li ddum vojta zmien notevoli qabel ma tinbiegh."*

15. Illi dawn ta' fuq huma l-unici siltiet fis-<u>sentenza kollha</u> fejn l-Onorabbli Bord dahal fil-kwistjoni dwar jekk it-transazzjonijiet in kwistjoni humiex ta' natura ta' *'trade'* jew le. Bir-rispett kollu, hija l-umli sottomissjoni tas-socjeta` appellanti li dawn is-siltiet jura li l-apprezzament, l-intepretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Bord tal-**artikolu 4 (1) (a) tal-Kap.123** huma zbaljati.

16. Illi, bir-rispett kollu lejn il-Bord, is-socjeta` Appellanti assolutament ma tistax tifhem kif dak fuq citat jista' jinkwadra ruhu fl-**artikolu 4 (1) (a),** l-iktar fejn il-Bord jghid li din 'il-metamorfosi' tista' ssir "konxjament jew

inkonxjament" - jekk l-**artikolu 4 (1) (a)** jitkellem fuq *"**skop**"* (cioe` intenzjoni), kif jista' jigri dan kollu inkonxjament?!

17. Illi mhux qed jinghad, hawnhekk, li ma jistghux ikunu hemm kazijiet fejn ic-cirkostanzi u fatti tal-kaz juru jew jaghtu x'wiehed jifhem, li fil-fatt wiehed ghandu *'trade'* quddiemu - dik hija kwistjoni ta' fatt li mhijiex sindakabbli, u Bord ghandu kull dritt ma jemminx it-tezi tat-*taxpayer* (anki jekk erronjament, avolja din il-haga turi l-periklu tal-fatt li ma jezistix dritt ta' appell minn kwistjonijiet ta' fatti). Li qed umilment jinghad hawnhekk huwa li hemm certi sitwazzjonijiet li ma jistawx possibilment jinkwadraw ruhhom fl-**artikolu 4 (1)(a)** u li l-Bord ikun zbaljat jekk jinterpreta u japplika l-**artikolu 4 (1) (a)** b'tali mod li jinkwadra fih cirkostanzi jew transazzjonijiet li ma jistawx possibilment jigu inkwadrati that dan l-artikolu.

U hawnhekk, l-ezempju lampanti huwa l-kaz fejn bniedem jigi biex ibiegh oggett li jkun xtara ghalih innifsu u mhux biex ibieghu - il-fatt li meta jigi biex ibiegh jkun jixtieq jikseb l-ahjar prezz, u mhux li jaghmel telf, assolutament ma jistax idawwar dik it-transazzjoni f' *'trade'*.

*Minn hija dik il-persuna li ghax jiddeciedi jbiegh xi haga minn hwejgu, ghaliex mhuwiex 'trader' ikun jixtieq jaghmel telf?!* Mhux kulhadd jixtieq jikseb l-ahjar prezz possibbli?! Bl-istess mod, jekk bniedem ikun akkwista proprjeta` minghajr ebda skop li jbieghha b'profitt, ebda metamorfosi ma jista' jbiddel dik ic-cirkustanza u jbiddilha (konxjament jew inkonxjament, kif qal il-Bord) f'sitwazzjoni taxxabbli taht l-**artikolu 4 (1)(a)** fejn it-*taxpayer* jigi li akkwistaha bl-iskop li jbieghha b'profitti.

Bl-istess mod, *fejn hu miktub li jekk bniedem jipposjedi block ta' appartamenti, biex dan, meta jbieghhom, ma jigix ikklassiftkat bhala trader, irid bilfors ibieghhom f'transazzjoni wahda u mhux f'sensiela ta' transazzjonijiet?*

**<u>Ir-Raba' Aggravju</u>**

18. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzu, rigward ir-raba' aggrayju qed jigi umilment sottomess mis-socjeta` Appellanti li kien hemm ksur mill-Bord tal-principju fundamentali ta' gustizzja naturali, inkluz tal-principju ta' *equality of arms* u ksur tad-dritt tas-socjeta` Appellanti ghall-smigh xieraq, meta il-Bord:

(a) ordna li s-seduta tal-31 ta' Jannar, 2007 issir xorta wahda minkejja li l-avukat difensur ta' fiducja tas-socjeta` appellanti kien indispost, specjalment meta wiehed iqis li din kienet l-unika opportunita` li s-socjeta` appellanti kellha biex tressaq s-sottomissjonijiet taghha bil-fomm quddiem il-Bord; u '

(b) rega' ordna ghat-tieni darba li l-partijiet jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom simultanjament u li dawn jigu moghtija direttament lill-Bord minghajr biss mas-socjeta` Appellanti (u fir-rejalta` lanqas il-KTI) jkollha l-opportunita` li tirribatti s-sottomisjonijiet u l-provi tal-KTI, u dan minkejja li llum il-gurnata huwa principju rassodat fil-gurisprudenza lokali li *taxpayer* ikun zvantaggjat hafha meta ma jkollux fil-pussess tieghu l-informazzjoni kollha mehtiega sabiex hu ikun jista' jissodisfa l-oneru tal-prova mitfugh fuqu.

19. Illi dwar il-paragrafu (a) is-socjeta` Appellanti umillment tissottometti li hija giet pregudikata sew mill-Onorabbli Bord bil-fatt li minkejja li l-avukat difensur ta' fiducja taghha kien bid-deni u ghalhekk ma setax jattendi fl-ahhar mument ghas-seduta in kwistjoni (kif jidher min-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata mill-istess socjeta` Appellanti fit-23 ta' Frar, 2007 fejn irregistrat id-disappunt taghha ghal dan il-fatt), il-Bord injora dan il-fatt ghal kollox u mexa bis-seduta qisu xejn m'hu xejn. B'dan il-mod is-socjeta Appellanti tilfet il-possibbilta` li tlissen l-argumenti taghha *tramite* l-avukat taghha verbalment quddiem il-Bord kif ukoll li tirribatti l-argumenti li saru mill-KTI f'din l-istess seduta u li setghu facilment ikkundizzjonaw lill-membri tal-Bord jekk dawn, wara li semghu naha wahda biss, ikunu hassew li l-argumenti maghmula mill-KTI kienu plawsibbli.

20. Illi rigward il-paragrafu (b) is-socjeta` Appellanti hija konsapevoli li hi diga` ghamlet din is-sottomissjoni fl-ewwel Appell li hija intavolat quddiem din l-Onorabbli Qorti wara l-ewwel decizjoni tal-Bord, pero` s-socjeta` Appellanti taqbel mad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fejn din sostniet li l-fatt li n-Noti ta' Sottomissjonijiet jigu pprezentati kontestwalment ma jledix id-dritt ta' gustizzja naturali ta' *audi alteram partem*. Fil-fatt dan altru li huwa minnu, ghaliex ma jistax possibbilment jinghad li l-veduta tat-*taxpayer* mhux qed tinstema'!

21. Illi pero` iktar ma wiehed jahseb fuq ir-rejalta` ta' din l-procedura iktar wiehed bil-fors ihoss li din il-procedura *assolutament mhijiex gusta* fil-konfront tat-*taxpayer*. U dan m'ghandux x'jaqsam ma' dak li qed jghid il-Bord, u cioe` li *"s-sens komun jghidlek li f'certu punt (li skont il-poteri moghtija lilu permezz tar-regola 15 A.L. 173 tal-1994 huwa strettament fil-poter ta' dan il-Bord li jiddeciedi fejn ikun) mhux biss il-Bprd irid jara fejn hu (il-Bord) ghandu fil-pussess tieghu bizzejjed argumenti, provi u informazzjoni, izda anki li tkun haga ta' bla ebda ulterjuri beneficcju li jibqa' jtawwal il-process stante li jkun f'posizzjoni li jiddeciedi."* (pagna 2 para. 4).

22. Illi qed jigi sottomess umilment li b'dan il-mod il-Bord ikun effettivament qed iccahhad lit-*taxpayer* id-dritt li jirribatti l-argumenti u provi li l-KTI jista' jressaq fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu, u dan meta huwa risaput U t-*taxpayer* huwa f'posizzjoni delikata hafha *stante* li l-oneru tal-prova huwa mitfugh kollu kemm hu fuqu!

Wiehed jistaqsi: *"ma jistax jaghti l-kaz li l-KTI jaghmel argumenti hziena jew iressaq Sottomissjonijiet hziena li t-taxpayer, naturalment, mhuwiex f'posizzjoni li jarhom izda li jistaw b 'xi mod xorta jirnexxielhom jikkonvincu erronjament lill-Bord li huma korretti biex dan imbaghad jghaddi biex jiddeciedi l-kaz kontra t-taxpayer?*

Din allura hija gusta? U t-*taxpayer ma ghandux jinghata l-opportunita' li jirribattihom?*

Hawnhekk mhux qed jinghad bil-fors li t-*taxpayer* ghandu jkollu l-ahhar kelma, ghaliex wiehed japprezza li f'certu mumeny l-iskambju ta' dokumenti ghandu jieqaf ghax inkella kawza ma tispicca qatt, pero`: *wiehed ma jistax ikollu seduta finali fejn, wara li l-partijiet ikunu inghataw l-opportunita' li jaraw s-sottomissjonijiet ta' xulxin, jirribattu dawn l-istess argumenti ghall-ahhar darba?*

U wiehed jistaqsi ukoll: *jekk qabel l-ewwel decizjoni l-Bord bl-istess mod ordna li n-Noti ta' Sottomissjonijiet jigu pprezentati kontestwalment, ghalfejn qabel id-decizjoni finali, il-Bord ta l-opportunita' lill-partijiet li jirribattu l-ewwel Noti ta' xulxin izda ma tahomx l-opportunita' li jirribattu t-tieni Noti li kienu ser jipprezentaw?*

*U ghalfejn tahom din l-opportunita' jekk mhux ghaliex il-Bord irrejalizza l-htiega fl-interess tal-gustizzja li z-zewg partijiet ikollhom l-opportunita' li janalizzaw l-argumenti ta' xulxin?*

23. Illi qed jigi sottomess ukoll li l-Onorabbli Bord qed jaghti interpretazzjoni wiesgha z-zejjed lir-**Regolament 15 ta' l-A.L. 173 tal-1994** ghaliex il-fatt li l-Bord ghandu is-setgha jirregola l-procedura li tigi segwita quddiemu, <u>assolutament</u> ma jfissirx li l-procedura li tigi adoperata ghandha b'kwalsiasi mod tippregudika lil xi wahda mill-partijiet, jew tilledi l-principji tal-gustizzja naturali. Huwa minnu: din il-procedura ma tmurx kontra l-principju tal-*audi alter am partem* kif tajjeb qalet din l-Onorabbli Qorti fl-ewwel sentenza taghha: pero` zgur li jmur kontra l-principju tal-*equality of arms* u jledi d-dritt tas-socjeta' Appellanti ghall-smigh xieraq, ghaliex wiehed irid japprezza li mis-semplici stimi huwa assolutament <u>impossibbli</u> ghat-*taxpayer* li jkun jaf fuq liema bazi inhargu l-istimi. Huwa proprju ghalhekk li fil-kawzi tal-VAT din l-Onotabbli Qorti stabbiliet il-principju li kwalsiasi rapport, dokument jew informazzjoni ohra ghandha tinghata lit-*taxpayer*. Issa fil-kawzi ta' taxxa s-soltu ma jkunx hemm rapport, pero`, fir-rejalta`, in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-KTI ikun l-uniku dokument li fih ikun qed iressaq l-bazi preciza li fuqha ikun hareg l-istimi. U allura t-*taxpayer* m'ghandux jinghata l-opportunita' jarha? U jirribattiha?

24. Illi huwa interessanti li huwa proprju l-Bord stess li irrikonoxxa (fl-ahhar paragrafu tad-decizjoni tieghu) li l-approwc tal-KTI li ma jsostnix il-kalkoli tieghu b'*workings* appoziti u b'informazzjoni u dokumentazzjoni necessarja, huwa zbaljat u hass il-bzonn li jcanfar lill-KTI ta' dan! Il-Bord fil-fett qal li *"il-Bord ihoss Ii ghandu jirrikmanda Ii KTI li f'kazi simili is-sottomissjonijiet tieghu jkunu issaportjati minn dokument li, kif jinghad hawn fuq, juri car il-kalkoli u cifri tieghu, u l-provenjenza ta' tali cifri, Ii jkunu wasslu ghall-eventwali likwidazzjonijiet tieghu."* U hawnhekk wiehed jerga' jistaqsi: *jekk dan l-approwc il-Bord hass li kien ta' pregudizzju ghalih, ahseb u ara kemm huwa ta' pregudizzju ghat-taxpayer li lanqas biss qed jinghata opportunita' mill-Bord li jara' u jirribatti dawn is-sottomissjonijiet tal-KTI!*

25. Illi din hija l-fehma umilissima u genwina tas-socjeta' appellanti: finalment, pero`, hija din l-Onorabbli Qorti li trid tiddeciedi fuq din l-kwistjoni u s-socjeta' Appellanti naturalment toqghod ghal dak li din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi fis-saggezza taghha.

Ghaldaqstant is-socjeta' Appellanti, filwaqt li jaghmel referenza ghall-atti kollha u ghall-provi ga prodotti f'dan il-kaz u jirrizerva li jaghmel osservazzjonijiet ulterjuri u jgib il-provi kollha li tippermettilu jgib din l-Onorabbli Qorti, jitlob bir-rispett, ghar-ragunijiet kollha hawn esposti u ghal dawk *oltre* li jingiebu waqt it-trattazzjoni, illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i) ghar-ragunijiet suesposti tirrevoka u tannulla d-decizjoni tal-Bord ta' Kummissarji Specjali tal-5 ta' Marzu 2007 fil-kaz numru 36/2004 u tiddeciedi minflok li l-fatti kif stabbiliti mill-Bord ma jwasslux ghar-responsabbilta` legali tas-socjeta' Appellanti li thallas xi forma ta' taxxa, u ghalhekk tiddikjara li l-istimi in kwistjoni ma kienux gustifikati u ghandhom jigu kkancellati; jew inkella

ii) ***alternattivament, u minghajr pregudizzju***, ghar-ragunijiet suesposti tirrevoka u tannulla d-decizjoni tal-Bord ta' Kummissarji Specjali tal-5 ta' Marzu 2007 fil-kaz

numru 36/2004 in kwantu li l-proceduri adottati mill-Bord marru kontra l-principji tal-Gustizzja Naturali u ppregudikaw lis-socjeta' Appellanti b'mod serju u tirrimetti l-atti kollha lura lill-Bord tal-Appell, diversament kompost, ghad-decizjoni skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-Kummissarju Appellat.

Rat ir-risposta tal-Appell tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 11 ta' Mejju 2007 a fol. 12 tal-process fejn espona: -

Illi fl-ewwel lok u **in linea preliminari** in-nullita' tar-rikors tal-appell in kwantu huwa bazat fuq talbiet li diga' huma ezawriti fis-sens li s-socjeta' appellanti qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka u tannulla d-decizjoni tal-Bord tal-Kummissarji Specjali tal-4 ta' Jannar 2006 (erroneament indikata mill-appellanti bhala 2005), liema sentenza diga' giet imhassra bis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-istess ismijiet tat-18 ta' Ottubru 2006 (Appell Nru 1/06).

Illi fit-tieni lok u wkoll **in linea preliminari** m'hemm ebda talba sabiex tigi mhassra jew amendata s-sentenza tal-Bord tal-Kummissarji Specjali tal-5 ta' Marzu 2007 u ghalhekk din is-sentenza hija f'dan l-istadju *res judicata* u ma tistax tigi attakkata aktar.

Illi fit-tielet lok u in linea preliminari n-nullita' tal-appell in kwantu huwa bazat fuq punti ta' fatt u mhux ta' ligi kif ser jigi spjegat fir-risposta odjerna.

Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost id-decizjoni tal-Bord tal-Kummissarji Specjali tal-5 ta' Marzu 2007 hija gusta u timmerita konferma ghar-ragunijiet segwenti:

**Dwar l-ewwel aggravju**

Illi sostanzjalment is-socjeta' appellanti qed tilmenta li *'l-Bord injora s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat-18 ta' Ottubru 2006 u ppersista bl-argument dwar in-nuqqas ta' koperazzjoni tas-socjeta' appellanti.'*

Illi bir-rispett kollu dan huwa punt ta' fatt li ma jammonta ghal ebda principju ta' natura legali.

Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost l-esponent isostni li fil-kors tal-appezzament tal-fatti li kellu quddiemu l-Bord rega' sempliciment ghamel riepilogu tac-cirkostanzi kollha pertinenti ghall-kaz odjern sabiex effettivament wasal ghal konkluzjonjiiet tieghu.

Illi ghalhekk ma kien ebda pregudizzju ghad-dritt tal-appellanti li jipprovaw il-kaz taghhom kif allegat f' paragrafu 9 tar-rikors in riposta.

Ghalhekk dan l-aggravju ghandu jigi michud.

**Dwar it-tieni aggravju**

Illi s-socjeta' appellanti qed tilmenta li kien hemm *'decizjoni hazina ta' punt ta' ligi kardinali in kwantu l-Bord injora ghal kollox it-talba tas-socjeta'* appellanti sabiex il-Bord jaghti definizzjoni cara ta' dak li jikkostitwixxi *trade u capital.*

Illi ghal darb'ohra l-esponent isostni li dan l-aggravju mhuwiex wiehed bazat fuq punt legali imma sempliciment kritika tas-socjeta' appellanti ghal mod kif mill-perspettiva taghha l-Bord messu kkonduca l-apprezzament tal-fatti fil-kors tal-proceduri.

Illi s-socjeta' appellanti ghandha dritt li ma tikkondividix mal-mod kif il-Bord strada l-apprezzament tal-fatti pero' m'ghandha ebda dritt la fil-fatt u lanqas fid-dritt li tippretendi li tiddetta b'liema mod ghandu l-Bord jikkonduci l-andament tal-proceduri sabiex jasal ghal decizjoni.

Illi pero' u ghal darb'ohra bla pregudizzju ghal paragrafu precedeti l-esponent isostni li fi kwalunkwe kaz il-Bord effettivament ghamel anzi riferenza waqt l-apprezzament tieghu tal-fatti ghac-cirkostanzi kollha pertinenti ghall-kaz odjern u cioe' ghad-diversi transazzjonijiet li ghamlet is-

socjeta' appellanti li wasslu lill-istess Bord sabiex jikkonstata li ma hemm ebda dubju li l-operazzjonijiet tas-socjeta' appellanti kienu jikkostitiwixxu *trading*.

Ghalhekk dan l-aggravju ghandu jigi michud.

**Dwar it-tielet aggravju**

Illi f'dan l-aggravju sussidjarju (u minghajr pregudizzju) ghall-ewwel zewg aggravji, s-socjeta' appellanti qed tipprova tassocja dan l-aggravju ma' punt legali in kwantu abbinatu ma' allegat interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-**artikolu 4 (1) (a) tal-Kap 123.**

Illi ghal darb'ohra jidher car li dan mhux il-kaz. Il-Bord evalwa l-fatti esposti u nterpretahom fid-dawl tal-ligi applikabbli u wasal ghal konkluzjoni tieghu. Il-fatt li s-socjeta' appellanta ma tikkondividix mal-interpretazzjoni li ta l-Bord ma jikkostitwixxix 'interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-**artikolu 4 (1) (a).** Jidher car li s-socjeta' appellanti trid akkost ta' kollox tillimita l-applikazzjoni tal-**artikolu 4 (1) (a)** sabiex komodament teskludi l-applikabbilta' ta' dan l-Artikolu ghat-tranzazzjonijet imwettqa mill-istess socjeta'. Dan sostanzjalment jinvolvi ri-apprezzament tal-fatti u cioe' t-transazzjonijiet tal-appellanti sabiex jigi deciz jekk dawn jiffigurawx fil-kuntest tal-**artikolu 4 (1) (a)** jew le.

Illi bla pregudizzju ghas-sottomissjoni tal-esponent li dan l-aggravju huwa sostanzjalment wiehed ta' fatt u mhux ta' ligi l-esponent jirrileva li fi kwalunkwe kaz l-interpretazzjoni tal-**artikolu 4 (1) (a)** hija legalment korretta. F'dan il-kuntest l-esponent jaghmel riferenza ghal decizjoni li nghatat f'kaz simili ghal dak odjern u cioe' **"Geoffrey Grech vs Kummissarju tat-Taxxi Interni"**. (deciza 19 ta' Ottubru 2005 Appell Nru 1/05).

Ghalhekk dan l-aggravju ghandu jigi michud.

**Dwar ir-Raba' Aggravju**

Illi dan l-aggravju huwa wkoll sussidjarju (u minghajr pregudizzju) ghall-ewwel zewg aggravji. Is-socjeta' appellanti qed tallega li fil-kors tal-proceduri quddiem il-Bord il-principju ta' **equality of arms** ma giex rispettat fil-konfront taghhom.

Illi bir-rispett kollu l-argumenti li gabet is-socjeta' appellanti b'ebda mod ma jikkostitwixxu ksur ta' dan il-principju.

Illi l-principju tal-*equality of arms* gie definit diversi drabi mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Illi l-awturi **Harris, O'Boyle u Warbrick** b'riferenza ghall-gurisprudenza tal-istess Qorti jghidu hekk:

*"The Commission has expressed the principle, in respect of both criminal and civil cases, as entailing that 'everyone who is a party to such proceedings shall have a reasonable opportunity of presenting his case to the court under conditions which do not place him at substantial disadvantage vis-a-vis his opponent'."* (*Law of the European Convention on Human Rights*)

Illi dak li hu rikjest allura huwa li kull parti fil-proceduri jinghata opportunita' ragjonevoli li jressaq il-kaz tieghu u li ma jitpoggiex f'sitwazzjoni ta' zvantagg sostanzjali meta mqabbel mal-kontro parti fl-istess proceduri.

Illi minn apprezzament tal-mod kif gew kondotti l-proceduri quddiem il-Bord jirrizulta ampjament li dan il-principju gie rispettat u b'hekk ma jikkostitwixxix ksur tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq.

Illi effettivament il-partijiet kellhom aktar minn opportunita' wahda li jressqu s-sottomissjonijiet taghhom u dan kemm fis-seduta qabel l-ewwel sentenza kif ukoll sottomissjonjiet bil-miktub. L-ewwel sottomissjonijiet tal-esponent kienu wkoll ghad-dispozizzjoni tas-socjeta' appellanti qabel it-tieni sentenza. Dan apparti l-opportunitajiet li l-istess socjeta' appellanti kellha biex tressaq il-provi taghha kemm fl-istadju ta' *assessment* u tal-*objection*. Ghalhekk il-prezenza *o meno* tal-avukat tal-fiducja tas-socjeta'

appellanti ghas-seduta tal-31 ta' Jannar 2007 ma poggietx lis-socjeta' appellanti fi zvantagg.

Illi dwar l-allegazzjoni l-ohra tal-appellanti li sofrew ksur tal-principju tal-*equality of arms* meta l-partijietipprezentaw is-sottomissjonjiet taghhom simultanjament minghajr ma nghataw l-opportunita' li jirribattu s-sottomissjonjiet tal-esponent, l-esponent jistrieh fuq il-konkluzjonijiet ta' din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha tat-18 ta' Ottubru 2006 f'pagna 11 meta ddeliberat proprju fuq dan il-punt.

Ghalhekk m'hemm ebda lok li jintlaqa' dan l-aggravju.

Illi finalment dwar l-allegazzjoni tas-socjeta' appellanti f'paragrafu 25 tar-rikors tal-appell taghhom l-esponent jibqa' jsostni li l-ispjegazzjoni li kien ta fl-ewwel sottomissjonijet tieghu kienet bizzejjed u dan *stante* li l-figuri rrizultaw mill-istess formoli tat-taxxa sottomessi mis-socjeta' appellanti.

Ghaldaqstant l-esponent filwaqt li jaghmel riferenza ghall-atti kollha tal-proceduri quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali u jirriserva li jressaq kull prova ohra permissibbli skont il-ligi, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad ir-rikors tal-appell tas-socjeta' Welcome Properties u tikkonferrrta decizjoni tal-Bord ta' Kummissarji Specjali tal-5 ta' Marzu 2007, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Rat ir-rikors ta' Welcome Properties Limited datata 30 ta' Mejju 2007 a fol. 16 tal-process fejn is-socjeta` esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza l-korrezzjonijiet fuq deskritti ghat-talbiet fir-rikors tal-Appell quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-atti tad-decizjoni tal-Bord ta' Kummissarji Specjali moghtija fil-5 ta' Marzu 2007 u notifikat lill-Appellant fid-9 ta' Marzu 2007, b' dan illi kull referenza ghad-decizjoni tal-4 ta' Jannar 2005 tigi sostitwita b'referenza ghad-decizjoni tal-5 ta' Marzu 2007 kif ukoll li tigi kancellata l-ahhar parti tat-tieni talba mill-kliem "u/jew sa socejta` appellanti" (u cioe l-kliem *"u /jew in kwantu l-Bord ma tax ir-ragunijiet tieghu dwar kif wasal*

*ghall-figuri ta’ Lm15,000 bhala taxxa li ghandha tithallas mis-socjeta` appellanti”);* u l-qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Philip Sicberras rat li ma kienet tezisti ebda oppozizzjoni mill-kontro-parti Kummissarju tat-Taxxi Interni u laqghet it-talba billi ammettiet il-korrezzjoni rikjesta kif jidher bid-digriet moghti fit-2 ta’ Gunju 2007 a fol. 18 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Novembru 2007 fejn L-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras astjena milli jiehu konjizzjoni tal-istess appell ghar-ragunijiet hemm indikati.

Rat id-digriet datat 29 ta’ Novembru 2007 fejn din il-Qorti kif kostitwieta giet surrugata sabiex tisma’ dan l-appell u l-Qorti hekk kostitwieta appuntat l-istess appell ghas-smiegh ghat-28 ta’ Frar 2008.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti fejn fit-30 ta’ April 2009 l-appell gie differit ghas-sentenza ghat-18 ta’ Gunju 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-fatti tal-kaz in succinct huma s-segwenti:-

Illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien hareg stimi ghall-hlas ta’ taxxa da parti tal-Welcome Properties Limited ghas-snin 1986 u 1987. L-appellat Kummissarju kien ikkunsidra li l-qliegh li ghamlet is-socjeta’ appellanti mit-trasferiment ta proprjeta’ immobbli kienu ta’ natura ta’ negozju u mhux ta’ natura kapitali. Is-socjeta’ appellanti dejjem sostniet l-oppost, illi n-natura tal-bejgh kienet wahda kapitali.

Is-socjeta’ appellanti, appellat mid-decizjoni tal-Kummissarju quddiem il-Bord ta’ Kummissarji Specjali (Bord) illi tat decizjoni kontra s-socjeta’ appellanti nhar l-4 ta’ Jannar 2006. Dik id-decizjoni giet appellata quddiem din il-Qorti tal-Appell diversament preseduta. Il-Qorti ta’ l-Appell qalet, inter alia, *‘Il-Bord…issofferma ruhu fuq l-aspett tan-non-koperazzjoni da parti tas-socjeta’ appellanti. Huwa donnu rraguna illi ghax il-kumpanija baqghet passiva fil-mument li kien jimponi fuqha d-dmir li tforni l-informazzjoni mitluba b’hekk giet li tilfet irremedjabilment kull dritt li tikkontesta l-istima ex officio’.*

Illi l-kaz gie rinvjat quddiem il-Bord u kienet seduta wahda fit-31 ta’ Jannar 2007 fejn is-socjeta’ appellanti ghalkemm prezenti kienet sprovvista mill-avukat di fiducja u l-kaz thalla ghas-sentenza. Fil-5 ta’ Marzu 2007 il-Bord iddecieda l-kaz billi qal li: *“Irid isir kalkolu mill-gdid tat-taxxa pagabbli mis-socjeta’ appellanti liema kalkolu jrid ikun a bazi – ta’ taxpayer involut fi trading operation; ta’ qliegh taxxabbli mhux ta’ Lm20000 u Lm30000 izda ta’ Lm14,928 u Lm26730; ta’ kwalsiasi informazzjoni ohra ghad-dispozzjoni tal-Kummissarju u li setghet ma tressqitx fl-istadji kollha tal-konsiderazzjoni ta’ dan l-appell”.*

Illi s-socjeta’ appellanti regghet appellat minn din id-decizjoni quddiem din il-Qorti u qed issir riferenza ghall-appell interpost bir-rikors tal-appell datat 9 ta’ April 2007 fuq citat. Hemm ukoll ir-risposta tal-appellat datata 11 ta’ Mejju 2007, ukoll fuq riportata.

Illi fl-appell odjern l-ewwel aggravju tas-socjeta’ appellanti huwa fis-sens li qed jigi allegat li l-Bord donnu injora s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (18 ta’ Ottubru 2006) peress li fid-decizjoni tieghu l-Bord jerga’ isostni l-argument dwar in-nuqqas ta’ ko-operazzjoni tas-socjeta’ appellanti. Is-socjeta’ appellanti tikkwota, fir-rikors ta’ l-appell, xi siltiet mid-decizjoni tal-Bord.

Illi din il-Qorti thoss li ghalkemm huwa minnu illi l-Bord semma n-nuqqas ta’ ko-operazzjoni da parti tas-socjeta’ appellanti fejn per ezempju qalet li “*Din hi baqghet ma ghamlitux puntwalment (fatt li hu rikonoxxut..fejn it-tort*

*jintefa' fuq l-impjegati tal-kumpanija kif ukoll fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell)',* izda jekk wiehed jara sew il-konkluzjoni tal-Qorti tal-Appell, hija ma qalitx illi din il-kwisjtoni ma tistax titqajjem izda li din mhix raguni ghac-cahda ta' l-appell stess. Fuq dan il-punt il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-appellant illi ma kien hemm l-ebda pregudizzju fil-konfront tal-appellant billi kull ma ghamel l-istess Bord semma stat ta' fatt u cioe' illi kien hemm nuqqas ta' ko-operazzjoni min-naha tas-socjeta' appellanti. Jekk wiehed jara s-siltiet kwotati mill-appellanti jinduna illi din kienet semplici konstatazzjoni ta' fatt u referenzi ghal dik li qalet il-Qorti tal-Appell. Mill-bqija jinghad li l-istess Bord fid-decizjoni tieghu mexa ma' dak li gie ndikat lilu fis-sentenza tal-Qorti tal-appell u bbaza l-konkluzjonijiet tieghu mhux fuq bazijiet purament formali izda fuq is-sustanza tal-ilment u fil-fatt ibbaza d-decizjoni tieghu fuq il-provi u d-dokumenti lilu sottomessi, u f'dan is-sens osserva kif kellu jaghmel l-insenjamenti kontenuti fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Welcome Properties Limited vs Kummissarju tat-Taxxi Interni"** tat-18 ta' Ottubru 2006.

Illi s-socjeta' appellanti tilmenta fit-tieni aggravju illi d-decizjoni tal-Bord hija hazina *stante* illi l-Bord injora ghal kollox it-talba tas-socjeta' appellanti sabiex il-Bord jaghti definizzjoni cara ta' dak li jikkostitwixxi *trade* u Kapital. Is-socjeta' appellanti kienet staqsiet fin-nota tas-sottomissjonijiet taghha, quddiem il-Bord, *'to define in clear terms what constitutes a trading transaction for the purposes of article 4 of the Income Tax Act as against a capital transaction and where the line between the two needs to be drawn on the basis of the said article 4 of the ITA as this existed in 1992.'* Skont l-appellant dan imur kontra dak li qalet il-Qorti tal-Appell.

Illi din il-Qorti thoss li dan l-aggravju ma huwiex gustifikat u dan peress li l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza citata qalet biss li fil-motivizzjoni tieghu l-istess Bord ibbaza ruhu biss fuq konsiderazzjoni formali, fis-sens li ta d-decizjoni tieghu minhabba mankanza tal-ghoti ta' informazzjoni *da parte* tat-*taxpayer,* minghajr ma dahal fis-sostanza tal-pendenza bejn il-partijiet u cjoe' *"jekk il-bejgh tal-proprjeta' immobbli*

*effettwat mill-kumpanija appellanti kellux jigi kkunsidrat ta' natura ta' income jew ta' kapital".* Fis-sentenza llum taht appell jirrizulta li kien proprju dak li ghamel u dahal sew fil-kwistjoni jekk l-operat tas-socjeta' appellanti kienx ta' natura li jiggenera dhul taxxabbli jew biss ta' operazzjoni kapitali, u mkien fl-istess sentenza ma jinghad li biex issir din il-konstatazzjoni kellha ssir definizzjoni formali ta' dak li huwa dhul taxxabbli ghaliex konsidrat bhala *income* u dak li huwa kapital, ghalkemm din il-Qorti thoss li min kif giet motivata l-istess decizjoni jirrizulta li in effetti saret din il-konstatazzjoni sabiex tigi determinata l-pendenza quddiemu, ghalkemm forsi mhux fuq il-binarji li jissodisfaw lis-socjeta' appellanti.

Illi fil-fatt jirrizulta li fit-tieni decizjoni tieghu, il-Bord dahal f'din il-kwistjoni u ddecieda illi mill-provi li kellu quddiemu *'ma jhallu ebda dubju li n-natura implicita tal-operazzjonijiet tal-appellant f'dik ta' kummercjant fil-proprjeta'.* Din il-Qorti thoss li jirrizulta li f'din id-decizjoni l-istess Bord kien qed jaghti interpretazzjoni ta' dak li skont l-artikolu tal-ligi ghandu jigi kkunsidrat bhala *trading* u kapital. Ma hemm l-ebda dubju li d-decizjoni dwar jekk attivita' hijiex ta' tali li tiggennera dhul taxxabbli jew inkella ta' natura kapitali hija wahda li ma tista' ssir *"on a case by case basis"* specjalment *in vista* tal-fatt illi l-Bord (jew il-Kummissarju fi stadji precedenti) f'dan il-kaz kellhu jaghmel analizi ta' l-*object clause* tal-istess socjeta' appellanti u tal-operat taghha tul iz-zmien rilevanti ghall-kwistjoni pendenti u dan kien ibbazat fuq provi prodotti. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi t-tielet aggravju huwa li xorta wahda hemm interpretazzjoni hazina ta' dak li jiddisponi l-**artikolu 4 (1) tal-Kap. 123** peress li jinghad li dak li gie indikat bhala *trade* huwa fil-fatt kontrarju ghal dak li hemm indikat fl-imsemmi artikolu, b'dan li qed jinghad mis-socjeta' appellanti li l-Bord interpreta u applika b'mod zbaljat l-**artikolu 4 (1) (a) tal-Kap 123.**

Illi l-Kummissarju appellat jghid illi dan l-aggravju huwa sostanzjalment wiehed ta' fatt u mhux ta' ligi. Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza **"Martin Debrincat vs L-**

**Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** ( A.I. C. (PS) - 23 ta' Frar 2005) fejn il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) qalet illi:-

"*Il-Qorti tibda biex tirregistra l-punt illi d-distinzjoni bejn x' jikkostitwixxi punt ta' fatt u punt ta' ligi ma huwa xejn kompitu facli. Kif kellha okkazjoni tirrimarka l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Joe Cortis -vs- Awtorita` ta' l-Ippjanar**", deciza fis-27 ta' Frar 1996, "dwar id-distinzjoni x' jikkostitwixxi punt ta' dritt u punt ta' fatt inkiteb hafna u kien hemm ukoll diversi decizjonijiet dwarha. Gieli d-distinzjoni tkun cara u gieli ma tkunx";*

*"Jista' jigri ghalhekk, in linea generali, li s-sentenza appellata ma tkun iddecidiet ebda punt ta' dritt. Eppure, kif drabi ohra nsenjat, "ma hemmx bzonn li l-punt ta' ligi jkun gie espressament definit fis-sentenza appellata. Hu sufficjenti li l-punt ta' ligi li fuqu jsir l-appell jirrizulta involut jew implicitu fid-decizjoni, in kwantu d-decizjoni tkun ittiehdet bis-sahha tal-principju interpretattiv tal-ligi li l-appellant jikkontesta" – "**Grazio Muscat -vs- Wilfred Podesta nomine**", Appell Civili, 7 ta' Mejju 1956 (**Kollez. Vol. XL P I p 137**)";*

*"...Invece l-Qorti hi fid-dmir li tara u tassigura illi tali aggravju, jew kull aggravju iehor, ma jkunx fil-verita` jikkonsisti minn stedina lil din il-Qorti biex din taghmel evalwazzjoni mill-gdid tal-fatti biex imbaghad din il-Qorti, skond l-appellant, tghaddi biex tirrevoka d-decizjoni appellata. Il-kriterju direttiv jibqa' dak li l-Qorti tezamina b' reqqa l-kontenut tas-sentenza biex verament tistabbilixxi jekk tezistix gustifikazzjoni li fuqu jista' jirpoza l-appell. Dan ghaliex, jekk hemm bzonn jigi ripetut, wiehed ma jridx jitlef di vista li hawn si tratta ta' Bord specjali u appell ut sic minn decizjoni tieghu ma jistax hlief isir fuq punt ta' ligi".*

Illi din il-Qorti thoss li sakemm dan l-aggravvju qed jallega li kien hemm definizzjoni hazina u applikazzjoni tal-ligi fil-konfront tas-socjeta' appellanti dan huwa fil-fatt punt ta' dritt suggett ta' appell quddiem din il-Qorti u fuq hekk biss ser tidhol sabiex tirrevedi d-decizjoni tal-Bord; fejn hemm

konsiderazzjonijiet ta' ezami mill-gdid tal-fatti gja decizi mill-Bord ovvjament dan ma huwiex permissibbli quddiem din il-Qorti.

Illi fir-rigward ta' dik li ghandha tkun id-definizzjoni ta' dak li huwa l-**artikolu 4 (1) (a) tal-Kap. 123** din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"L-Avukat Philip Attard Montalto nomine v Kummissarju tat-Taxxi Interni"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Jannar 1991. Din il-kawza kienet dwar it-taxxabilita' o meno ta' profitti li s-socjeta' appellant dderiverat mill-bejgh ta' diversi immobbli.

Illi fl-istess decizjoni l-Onorabbli Qorti tal-Appell qalet, dwar l-*'objects' clause'* fil-memorandum and articles tal-kumpanija *"jkun jinkludi poteri ampji u b'mod partikolari s-setgha li l-kumpanja tkun tista' tixtri jew b'xi mod iehor takkwista, u li tbiegh jew b'mod iehor tiddisponi minn proprjeta' mmobiljari. Izda dan ma jfissirx li poteri jew in-negozji kollha msemmija fl-objects clause. Ghalhekk m'huwiex bizzejjed li jirrizulta li kumpanija tkun awtorizzata mill-objects clause li tezercita xi tip jew generu ta' negozju, imma jrid jirrizulta wkoll li kienet effettivament qed tezercita dak it-tip ta' negozju sabiex income derivat minnu jkun taht id-disposizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 4 (1)(a).*

Illi l-Qorti ziedet tghid illi *"a company's intentions must not be confused with its objects clause. If a company has power in its memorandum to undertake a transaction, that does not mean that any profits accruing from such a transaction is subject to tax…If the land was originally purchased to hold as a capital asset, its subsequent sale would be a transaction on capital account, the objects of the memorandum not being conclusive.'* (Silke on South African Income Tax".

Illi f'dik il-kawza il-proprjeta' ta' dik il-kumpanija gew akkwistat *animo compensandi*, u nghad li ma setghux jigu kkunsidrati bhala derivanti minn *trade* jew *business* u ghalhekk l-introjtu mill-istess kien ta' natura kapitali u b'hekk ma jaqghux taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4**

**(1) (a).** Il-Qorti mxiet fuq il-principju illi, *'the Court must primarily look at its objects laid down in its constitution and next at its actual operation and must in addition, in a proper case, also look at all the facts leading up to the incorporation of the company and give them due weight and considerations".* (Silke on South African Income Tax).

Illi din il-Qorti temmen li f'dan il-kaz dak huwa proprju li ghamel l-istess Bord, tant li jidher li mid-decizjoni tieghu dan l-istudju ghamlu bir-reqqa. Fil-fatt jidher car mill-istess decizjoni li l-Bord osserva l-principju stabbilit li l-*objects clauses* ta' socjeta' ma humiex totalment determinanti sabiex tigi mfissra n-natura ta' operazzjonijiet li tkun ghamlet kumpanija.

Illi tant huwa minnu dan li fl-istess decizjoni tal-Bord inghad li *"effettivament il-konkluzjoni hawn hi li l-objects clause huma element li ghandu jigi ikkunsidrat izda mhux b'mod li ma jkunx relatat jew li jeskludi temi ohra, daqstant iehor validi". (pagna 3 tad-decizjoni datata 5 ta' Marzu 2007).*

Illi minn hawn il-Bord kompla sabiex analizza l-operazzjonijiet u zvilupp tal-kumpanija in kwistjoni u hawn il-Qorti tirreferi ghal dak kontenut fir-raba' (4) pagna l-quddiem tal-istess decizjoni, fejn jidher car li l-istess Bord ha in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom in-numru ta' bejgh li sar u l-medda ta' zmien li dan sar fih, punti li huma kkunsidrati bhala *Badges of Trade* fil-kaz **"Morton vs Morton** (1986 – 59 TC 381) li huma deskritti bhala *"common features of trade"* u li hemm riferenza ghalihom fil-ktieb **"An Introduction to Income Tax Theory"** ta' **Dr. Robert Attard** (pagni 77 sa 95). Hawn il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad bhala motivazzjoni ta' l-istess decizjoni tal-Bord fil-pagni 4 sa 5 tal-istess u partikolarment fil-bran hawn taht citat u tikkondividi l-istess, fejn l-istess Bord sostna li:-

*"Dwar il-firxa ta' operazzjonijiet tal-kumpanija dawn, kif ga inghad, iridu jigu ikkonsidrati mill-punto di vista ta' jekk humiex fin-natura ta' one off transactions, jew jekk tezistix sensiela ta' operazzjonijiet simili u ripetuti. L-akkwist ta'*

*tliet blokki (anki jekk fi transazzjoni wahda), bejgh ta' ghaxar flats fuq medda ta' sentejn, u sittax-il kuntratt ta' bejgh fuq medda ta' tmien snin..., rimanenza ta' flats u garaxxijiet b'intenzjoni suggerita jew implicita ta' aktar operazzjonijiet simili fil-gejjieni: dawn fit-total u l-assjem taghhom, ma jhallu ebda dubju li n-natura implicita (anki jekk mhux espresso) tal-operazzjonijiet tal-appellant zviluppat f'dik ta' kummercjant fil-proprjeta`, u mhux semplicement ta' sid ta' proprjeta` li hi esklussivament ezistenti u posseduta ghal skop ta' kiri."*

Illi minn dan kollu din il-Qorti thoss li gie ppruvat li n-numru ta' operazzjoni fil-bejgh ta' immobbli ghal dak it-tul ta' zmien kien tali li jindika li l-intenzjoni tal-istess socjeta' kien tali li tezercita n-negozju ta' bejgh ta' proprjeta' u allura dhul mill-istess bejgh kien jammonta ghad-dhul taxxabbli skont il-ligi ghaliex jikkostitwixxi negozju taxxabbli u mhux transazzjonijiet ta' natura kapitali. Dan jirrizulta iktar u iktar meta gie kkunsidrat mill-istess Bord li l-operazzjonijiet tas-socjeta' jindikaw li tali proprjeta' ma kenitx qed tinzamm sempliciment ghall-skopijiet ta' kiri (li jidher li s-socjeta' ma komplietx tikkoltiva) izda sabiex isservi ta' operazzjoni ta' *"kummercjant ta' proprjeta".* Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta li t-transazzjoni tal-istess socjeta' appellanti ma kienux intizi sempliciment ghal *"realization of capital"* izda bhala operazzjonijiet ta' negozzju sabiex ikun qed isehh profit u d-decizjoni tal-Bord hija fuq dan il-binarju. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi l-ahhar aggravju tal-appellanti huwa dwar l-allegata nuqqas ta' osservanza tal-principji ta' gustizzja naturali inkluz tal-principju ta' *equality of arms* u dan qed jinghad fil-kuntest ta' dak kontenut fil-paragrafi 19 sa 26 tar-rikors tal-appell.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel referenza ghar-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet **"Pulizija vs Lawrence Attard"** (deciza fl-1 ta' Awissu 2004) fejn inghad *"Illi d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha b'mod xieraq u fi zmien ragonevoli timponi fuq l-Istat li jhares id-Dritt li jassigura l-ezistenza u z-zamma*

*fis-sehh ta' sistema efficjenti ta' amministrazzjoni ta' gustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, rizorsi u ghodod li bihom il-Qrati jkunu jistghu jwettqu xogholhom kif imiss".*

*"...B'danakollu, jekk minhabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex tithaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-gustizzja jbati bla htija c-cittadin, l-Istat irid jaghmel tajjeb ghal tali tbatija".*

Illi fil-kawza **"Kenneth Brincat vs L-Avukat Generali et"** (P.A. (RCP) – 10 ta' Jannar 2003 inghad li *"kif tajjeb josservaw l-awturi **Harris, O'Boyle u Warbrick**:- "In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), the right to a fair hearing has an open-ended, residual quality".*

*Illi dwar l-istess artikolu inghad fis-sentenza **"Kostovski vs The Netherlands"** (20 ta' Novembru 1989. Series A- 166 12 EHRR434) li :-*

*"The effect of Article 6 (1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".*

Illi huwa pacifiku ghalhekk illi sabiex Qorti tasal ghall-konkluzjonijiet taghha dwar in-nuqqas ta' smigh xieraq o meno, l-istess Qorti trid tara l-procedura kollha u tara jekk fil-fatt l-appellanti tpogga taht xi zvantagg.

Illi jidher li mill-appell interpost is-socjeta' appellanti trid li Qorti tiffoka fuq seduta wahda fejn l-avukat ta' fiducja taghha ma setax jattendi u dwar il-fatt illi n-noti ta' sottomissjonijiet kellhom jigu l-prezentati simultanjament. Skont din il-Qorti, jekk wiehed jara l-process kollu u cioe' minn meta l-appellanti appellaw quddiem il-Bord sad-data tad-decizjoni, ma jistax jinghad illi s-socjeta' appellanti ma inghatax il-possibilta' ta' smigh xieraq.

Illi *inoltre*, anke l-Qorti tal-Appell qalet, li dwar il-punt fundamentali tan-natura tan-negozju, *"kif jidher mill-inkartament tal-kaz quddiemu, il-Bord tal-opportunita' lill-kontendenti biex dawn iressqu l-provi u jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom. Huwa apparentament bil-wisq car mill-kontenut tas-sottomissjonijiet rispettiv illi l-kontendenti approfondew il-kwistjoni centrali u sostanzjali involuta".*

Illi dwar il-fatt li l-partijiet gew indikati sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom simultanjament din il-Qorti thoss li hawn ukoll l-aggravju tas-socjeta' appellanti ma huwiex legalment sostenibbli u hawn issir riferenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-istess ismijiet odjerni datata 18 ta' Ottubru 2006 fejn inghad li *"l-ordni tal-Bord li jircievi simultanjament il-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ma timporta ebda arbitrarjeta' ngustifikata li kapaci tikkwalifika ruhha bhala vjolazzjoni tal-principju naturali audi alteram partem. Iz-zewg kontendenti tqeghdu fl-istess mizien.....".* B'hekk dan l-ahhar aggravju qed jigi wkoll michud ghaliex huwa infondat fil-fatt u fid-dritt.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa' r-risposta' tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 11 ta' Mejju 2007 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell tas-socjeta' appellanti fir-rikors tal-appell taghha datat 9 ta' April 2007** *stante* li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u b'hekk tikkonferma d-decizjoni tal-Bord tal-Kummissarji Specjali fl-ismijiet **"Welcome Properties Ltd. vs Kummissarju tat-Taxxi Interni"** (Kaz.Numru 36/2004) datat 5 ta' Marzu 2007 ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti Welcome Properties Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------